MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2018

Rikors Maħluf Numru 351/17LM

**EHealth Limited (C68844)**

***vs.***

**Sergio Giglio, Bruno Giglio u**
**S.S. Giovanni e Paolo S.r.l.**

**u**

**Permira Advisors Holdings Ltd, Permira Advisers LLP, Pantheon Holdco Limited u Permira Associati SpA**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf tas-soċjetà attriċi **EHealth Limited** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà attriċi"), ippreżentat fid-19 ta' April, 2017 u maħluf mill-Avukat Dottor Pio M. Valletta, debitament awtorizzat, li jgħid kif ġej:

*(1) Is-soċjetà Vertical Group Holding Limited innegozjat u eventwalment laħqet ftehim mal-konvenuti Sergio Giglio, Bruno Giglio u s-soċjetà S.S. Giovanni e Paolo S.r.l. riferibilment għax-xiri ta' mija fil-mija (100%) tal-ishma tal-konvenuti Sergio Giglio u Bruno Giglio fis-soċjetà konvenuta S.S. Giovanni e Paolo S.r.l. u fis-soċjetajiet sussidjarji u affiljati tagħha inkluż is-soċjetà Biomedica Engineering Santa Lucia SpA. Dan il-Ftehim ġie formalizzat u ffirmat fil-ħdax (11) ta' Lulju, 2014 u kopja tiegħu tinsab hawn unita u mmarkata bħala Dokument EH1.*[1]

*(2) Skont l-imsemmi ftehim ġie miftiehem bejn il-partijiet kontraenti li s-soċjetà Vertical Group Holding Limited kellha tinkorpora u tirreġistra kumpannija ġdida li fiha kellha tiddetjeni mija fil-mija (100%) tal-ishma.*

*(3) Minn Settembru 2014 'il quddiem is-soċjetà Vertical Group Holding Limited bdiet il-proċess ta' inkorporazzjoni u reġistrazzjoni tal-imsemmija kumpannija ġdida kif previst u miftiehem fl-imsemmi ftehim tal-ħdax (11) ta' Lulju, 2014 u eventwalment is-soċjetà Vertical Group Holding Limited ikkomunikat l-isem tal-kumpannija ġdida lill-konvenuti Sergio Giglio, Bruno Giglio u S.S. Giovanni e Paolo S.r.l. u lill-konsulenti tagħhom. Isem il-kumpannija l-ġdida kellu jkun Ehealth Limited, is-soċjetà rikorrenti attriċi.*

*(4) In segwitu għall-inkorporazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-imsemmija kumpannija ġdida, imsejjħa EHealth Limited, is-soċjetà Vertical Group Holding Limited assenjat u ċediet id-drittijiet u l-obbligi tagħha kollha naxxenti mill-Ftehim mal-konvenuti Sergio Giglio, Bruno Giglio u S.S. Giovanni e Paolo S.r.l. lis-soċjetà EHealth Limited u dan b'effett minn Ottubru, 2014. Konsegwentement Vertical Group Holding Limited informat lill-partijiet kollha inkluż lill-konvenuti Sergio Giglio, Bruno Giglio u S.S. Giovanni e Paolo S.r.l., lill-konsulenti ta' dawn tal-aħħar, lill-banek u lill-individwi u entitajiet l-oħra li kienu involuti fi jew kien għak-konoxxenza tal-ftehim milħuq.*

*(5) Fuq l-iskorta u in virtù tan-negozjati avvanzati li s-soċjetà Vertical Group Holding Limited kien qiegħed ikollha mal-konvenuti Sergio Giglio u Bruno Giglio, iċ-ċirkostanzi u d-dettalji ta' liema jiġu aħjar u dettaljatament spjegati fil-kors tas-smigħ tal-kawża, Vertical Group Holding Limited innegozjat u waslet fi ftehim mas-soċjetà Inobis Consulting Group Limited għall-konċessjoni ta' drittijiet ta' Sub-Licensing, Marketing and Distribution fir-rigward ta' Licensed Products speċifiċi, kif aħjar spjegat u deskritt*

[1] *A fol.* 9 sa 18.

*fil-Ftehim ta' Sub-Licensing, Marketing and Distribution milħuq u ffirmat u datat is-sebgħa (7) ta' Novembru, 2014. Kopja tal-Ftehim tas-Sub-Licensing, Marketing and Distribution iffirmat bejn Inobis Consulting Group Limited u Vertical Group Holding Limited qiegħda tiġi hawn unita u mmarkata bħala Dokument EH2.*[2]

*(6) Vertical Group Holding Limited, kif miftiehem assenjat u ċediet id-drittijiet u l-obbligi naxxenti mill-imsemmi ftehim ta' Sub-Licensing, Marketing and Distribution lis-soċjetà attriċi esponenti skont Ftehim ta' Assignment and Transfer datat is-sebgħa (7) ta' Novembru, 2014, liema ftehim sar operattiv u effettiv fis-sebgħa (7) ta' Novembru, 2014 skont u in virtù ta' ittra datata dsatax (19) ta' Diċembru, 2014, kopja ta' liema tinsab hawn unita u mmarkata bħala Dokument EH3.*[3]

*(7) Skont il-Ftehim Sub-Licensing, Marketing and Distribution (Dokument EH2) u speċifikatament għat-tenur tal-klawsola 2.3 tal-istess imsemmi Ftehim, dan tal-aħħar ġie fis-seħħ u għalhekk sar operattiv u effettiv mal-ħruġ u komunikazzjoni minn Vertical Group Holding Limited tal-Acceptance Letter imsemmija fil-Ftehim tal-ħdax (11) ta' Lulju, 2014 bejn Vertical Group Holding Limited u l-konvenuti Sergio Gigio u Bruno Gigio (Dokument EH1). Kopja tal-imsemmija Acceptance Letter, datata ħmistax (15) ta' Diċembru, 2014 qiegħda tiġi hawn unita u mmarkata bħala Dokument EH4.*[4]

*(8) Anqas minn erbgħa u għoxrin (24) siegħa wara li l-konvenuti Sergio Giglio, Bruno Giglio u S.S. Giovanni e Paolo S.r.l. irċevew l-imsemmija Acceptance Letter mingħand is-soċjetà Vertical Group Holding Limited, l-istess konvenuti permezz tal-konsulent legali tal-Grupp ta' soċjetajiet tagħhom, infurmaw lis-soċjetà Vertical Group Holding Limited li l-konvenuti Sergio Giglio, Bruno Giglio u S.S. Giovanni e Paolo S.r.l. ma kienux lesti li jkomplu bl-għeluq (Closing) tal-Ftehim tal-11 ta' Lulju, 2014, kif definit u stipulat f'dan l-istess Ftehim (Dokument EH1) u konsegwentement l-iffirmar tal-Ftehim finali riferibilment għan-negożju previst u imfisser fl-imsemmi ftehim tal-ħdax (11) ta' Lulju, 2014 ma setax iseħħ u jiġi konkluż.*

*(9) B'riżultat ta' dan is-soċjetà Vertical Group Hodling Limited, issa suċċeduta mis-soċjetà attriċi rikorrenti naqset milli taderixxi u tirrispetta l-obbligi kuntrattwali assunti minnha favur is-soċjetà Inobis Consulting Group Limited fil-Ftehim imsemmi ta' Sub-Letting, Marketing and Distribution datat is-sebgħa (7) ta' Novembru, 2014.*

[2] *A fol.* 19 sa 40.
[3] *A fol.* 41.
[4] *A fol.* 42 sa 46.

*(10) Is-soċjetà Inobis Consulting Group Limited permezz ta' ittra datata sebgħa (7) ta' Awwissu, 2015 itterminat il-Ftehim Sub-Licensing, Marketing and Distribution datat is-sebgħa (7) ta' Novembru, 2014 kawża ta' ksur materjali kontinwat mis-soċjetà attriċi rikorrenti EHealth Limited bħala suċċessur tas-soċjetà Vertical Group Holding Limited u talbet il-ħlas ta' danni kuntrattwali in virtù u għat-tenur tal-Ftehim Sub-Licensing, Marketing and Distribution. Kopja tal-imsemmija ittra qiegħda tiġi hawn unita u mmarkata bħala Dokument EH 5.*[5]

*(11) Is-soċjetà Inobis Consulting Group Limited bdiet proċeduti ġudizzjarji kontra is-soċjetà rikorrenti attriċi sabiex titlob likwidazzjoni u kundanna għall-ħlas ta' danni kuntrattwali mingħand is-soċjetà attriċi rikorrenti liema proċeduri ġudizzjarji jinsabu pendenti s-smigħ.*

*(12) In-nuqqas da parti tas-soċjetà rikorrenti attriċi li tadempixxi l-obbligi kuntrattwali tagħha favur is-soċjetà Inobis Consulting Group Limited skont il-Ftehim Sub-Licensing, Marketing and Distribution datat is-sebgħa (7) ta' Novembru, 2014 u l-konsegwenti u riżultanti terminazzjoni tal-imsemmi Ftehim Sub-Licensing, Marketing and Distribution u t-talba mressqa mis-soċjetà Inobis Consulting Group Limited għall-ħlas ta' danni kuntrattwali huma r-riżultat u l-kawża diretta ta':*

*a. Aġir abużiv, illegali u frawdolenti tal-konvenuti Sergio Giglio, Bruno Giglio u SS. Giovanni e Paolo S.r.l., meta dawn tal-aħħar nonostante li kienu konsapevoli li kienu iffirmaw Ftehim mas-soċjetà Vertical Group Holding Limited għax-xiri ta' mija fil-mija (100%) tal-ishma tas-soċjetà konvenuta S.S. Giovanni e Paolo S.r.l. u tas-soċjetajiet sussidjarji u affiljati tagħha inkluż is-soċjetà Biomedica Engineering Santa Lucia SpA, fl-istess ħin u waqt, kienu qegħdin jinnegozjaw u jakkordaw ftehim identiku mal-konvenuti l-oħra f'din il-kawża is-soċjetajiet Permira Advisors Holdings Limited, Permira Advisers LLP, Pantheon Holdco Limited u Permira Associati SpA. Dettalji dwar dan l-aġir abbużiv, illegali u frawdolenti jiġu spjegati f'aktar dettall fil-kors tas-smigħ ta' din il-kawża; u*

*b. Aġir abusiv, illegali u frawdolenti tal-konvenuti Permira Advisors Holdings Limited, Permira Advisers LLP, Pantheon Holdco Limited u Permira Associati SpA, meta nonostante li dawn tal-aħħar, kienu ben konsapevoli bl-eżistenza tal-Acquisition Agreement bejn is-soċjetà EHealth Limited bħala suċċessur fit-titolu ta' Vertical Group Holding Limited u l-konvenuti Bruno Giglio, Sergio Giglio u SS. Giovanni e Paolo S.r.l. u minkejja li ġew imwissija sabiex jiddesistu u jieqfu minn kull tentattiv jew kull attività*

[5] *A fol.* 47, fejn talbu l-ħlas ta' €14,500,000 bħala danni kuntrattwali.

*ta' negozjar u akkordar ta' ftehim dwar l-istess negozju li kien ġie miftiehem minn u mas-soċjetà attriċi rikorrenti, induċew il-ksur tal-Acquisiton Agreement bejn is-soċjetà attriċi rikorrenti EHealth Limited bħala suċċessur fit-titolu u l-konvenuti Bruno Giglio, Sergio Giglio u S.S. Giovanni e Paolo S.r.l. u għalhekk u per konsegwenza barra mill-ħsarat kaġonati lis-soċjetà attriċi rikorrenti kif fuq spjegat, ġew li benefikaw u arrikkew ruħhom inġustament u indebitament a spejjes tas-soċjetà attriċi rikorrenti EHealth Limited. Dettalji dawr dan l-aġir abbużiv, illegali u frawdolenti jiġu spjegati f'aktar dettall fil-kors tas-smigħ ta' din il-kawża.*

*(13) Is-soċjetà rikorrenti attriċi bħala suċċessur fit-titolu ta' Vertical Group Holding Limited soffriet danni inġenti kawża tal-aġir abbużiv, illegali u frawdolenti tal-konvenuti jew min minnhom.*

*(14) Oltre dan is-soċjetà Vertical Group Holding Limited ta' liema s-soċjetà rikorrenti attriċi hija suċċessur, kienet avżat lill-konvenuti Bruno Giglio, Sergio Giglio u S.S. Giovanni e Paolo S.r.l. u Permira Advisors Holdings Limited, Permira Advisers LLP, Pantheon Holdco Limited u Permira Associati SpA, dwar il-konsegwenzi tal-aġir u l-azzjonijiet tagħhom u speċifikatament dwar id-danni inġenti li kienu ser jiġu kaġonati kawża u b'riżultat tal-aġir u l-azzjonijiet tagħhom, iżda l-konvenuti injoraw dawn it-twissijiet da parti ta' Vertical Group Holding Limited u volutament u b'mala fede pależi, evidenti u manifesta flimkien ikkospiraw sabiex jikkawża(w) ħsara lis-soċjetà rikorrenti attriċi.*

*(15) Fiċ-ċirkostanzi is-soċjetà attriċi rikorrenti ma kellhiex għażla oħra għajr li tistitwixxi dawn il-proċeduri ġudizzjarji kontra l-konvenuti Bruno Giglio, Sergio Giglio u SS. Giovanni e Paolo S.r.l. u Permira Advisors Holdings Limited, Permira Advisers LLP, Pantheon Holdco Limited u Permira Associati SpA, sabiex jintalab li l-konvenuti jew min minnhom, jiġu dikjarati responsabbli ta' aġir u azzjonijiet abużivi, illegali u frawdolenti u sabiex jiġu likwidati d-danni kaġonati u kkawżati minn tali aġir u azzjonijiet abużivi, illegali u frawdolenti u sabiex ikun hemm kundanna għall-ħlas tad-danni hekk likwidati.*

*Għalhekk għar-raġunijiet premessi s-soċjetà rikorrenti attriċi umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*(1) Tiddikjara u tiddeċiedi li l-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli għal aġir abbużiv, illegali u frawdolenti u għall-konsegwenti ħsarat u danni kaġonati lis-soċjetà rikorrenti attriċi meta:*

*(a) Fil-każ tal-konvenuti Bruno Giglio, Sergio Giglio u SS. Giovanni e Paolo S.r.l., dawn tal-aħħar nonostante li kienu konsapevoli li kienu ffirmaw Ftehim mas-soċjetà Vertical Group Holding Limited għax-xiri ta' mija fil-mija (100%) tal-ishma tas-soċjetà konvenuta S.S. Giovanni e Paolo S.r.l. u tas-soċjetajiet sussidjarji u affiljati tagħha inkluż is-soċjetà Biomedica Engineering Santa Lucia SpA, fl-istess ħin u waqt, kienu qegħdin jinnegozjaw u jakkordaw ftehim identiku mal-konvenuti l-oħra f'din il-kawża, is-soċjetajiet Permira Advisors Holdings Limited, Permira Advisers LLP, Pantheon Holdco Limited u Permira Associati SpA. Dettalji dwar dan l-aġir abużiv, illegali u frawdolenti jiġu spjegati f'aktar dettall fil-kors tas-smigħ ta' din il-kawża;*

*(b) Fil-każ tal-konvenuti Permira Advisors Holdings Limited, Permira Advisers LLP, Pantheon Holdco Limited u Permira Associati SpA, meta nonostante li kienu ben konsapevoli bl-eżistenza tal-Acquisition Agreement bejn is-soċjetà EHealth Limited bħala suċċessur fit-titolu ta' Vertical Group Holding Limited u l-konvenuti Bruno Giglio, Sergio Giglio u SS. Giovanni e Paolo S.r.l. u minkejja li ġew imwissija sabiex jiddesistu u jieqfu minn kull tentattiv jew kull azzjoni li jinnegozjaw u jikkonkludu ftehim dwar l-istess negozju li kien ġie miftiehem minn u mas-soċjetà attriċi rikorrenti, induċew il-ksur tal-Acquisiton Agreement bejn is-soċjetà attriċi rikorrenti EHealth Limited bħala suċċessur fit-titolu u l-konvenuti Bruno Giglio, Sergio Giglio u S.S. Giovanni e Paolo S.r.l. u għalhekk u per konsegwenza barra mill-ħsarat kaġonati lis-soċjetà attriċi rikorrenti kif fuq spjegat, ġew li benefikaw u arrikkew ruħhom inġustament u indebitament a spejjes tas-soċjetà attriċi rikorrenti EHealth Limited. Dettalji dwar dan l-aġir abbużiv, illegali u frawdolenti jiġu spjegati f'aktar dettall fil-kors tas-smigħ ta' din il-kawża.*

*(2) Tillikwida anki permezz ta' periti nominandi, dawk id-danni kkawżati u kaġonati lis-soċjetà attriċi rikorrenti mill-konvenuti jew min minnhom, kawża tal-imsemmi aġir u azzjonijiet abużivi, illegali u frawdolenti;*

*(3) Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex iħallsu d-danni likwidati skont it-talba preċedenti.*

*Bl-imgħaxijiet u bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetajiet konvenuti **Permira Advisors Holdings Limited, Permira Advisers LLP** u **Pantheon Holdco Limited** (minn issa 'l

quddiem kollettivament "it-Tieni Konvenuti"), ippreżentata fid-29 ta' Mejju, 2017 u maħlufa mill-Avukat Dottor Antoine Cremona bħala prokuratur speċjali tat-Tieni Konvenuti, debitament awtorizzat, li biha eċċepew:

1. *Illi preliminarjament, din l-Onorabbli Qorti għandha, bħala obbligu, tissoprassjedi fuq il-proċedimenti odjerni ai termini tal-Artikolu 29(1) tar-Regolament tal-UE Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru, 2012 dwar il-Ġurisdizzjoni u r-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet Ċivili u Kummerċjali (minn issa imsejħa 'Recast Regulation') minħabba l-fatt illi din il-Qorti ma hix il-Qorti invokata l-ewwel sabiex tisma' u tiddetermina din il-materja għaliex proċedimenti li jinvolvu l-istess kawża ta' azzjoni u bejn l-istess partijiet, definiti ai termini tal-ġurisprudenza applikabbli tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, hija bħalissa pendenti quddiem il-Qrati ta' Milan, fl-Italja (Proċedimenti bin-numru ta' reġistrazzjoni 27821/2016 hawn annessa u mmarkata bħala Dokument PM 1[6]);*

2. *Illi preliminarjament ukoll, u mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, jekk din l-Onorabbli Qorti tiddeċiedi illi ma tissoprassjedix fuq dawn il-proċedimenti odjerni ai termini tal-Artikolu 29(1) tar-Recast Regulation, il-Qorti għandha tuża d-diskrezzjoni tagħha sabiex tissopprassjedi fuq dawn il-proċedimenti odjerni ai termini tal-Artikolu 30(1) tar-Recast Regulation għaliex dawn il-proċedimenti żgur illi jikkwalifikaw bħala "azzjonijiet relatati" mal-proċedimenti pendenti quddiem il-Qorti ta' Milan u jekk tisma' din il-kawża, ser ikun hemm ir-riskju ta' sentenzi irrikonċiljabbli li jirriżultaw minn proċedimenti separati, li hija eżattament is-sitwazzjoni illi r-Recast Regulation tipprova tevita;*

3. *Illi fuq bażi preliminari, in limine litis u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet proċedurali l-oħra dwar is-soprasessjoni fuq il-proċedimenti msemmija hawn fuq, din l-Onorabbli Qorti ma għandiex ġurisdizzjoni sabiex tisma' dawn il-proċedimenti minħabba l-fatt illi ħadd mit-Tieni Konvenuti ma huwa domiċiljat ġewwa Malta (Permira Advisors Holdings Ltd, Permira Advisers LLP u Pantheon Holdco Limited li huma domiċiljati fir-Renju Unit) u lanqas ma huma domiċiljati ġewwa Malta l-konvenuti l-oħra (Sergio Giglio, Bruno Giglio, S.S. Giovanni u Paolo S.r.l. (minn issa imsejħa l-"Ewwel Konvenuti") u Permira Associati SpA*

[6] *A fol.* 83 sa 101, iċ-ċitazzjoni ppreżentata fil-Qorti ta' Milan minn **Permira Advisors Holdings Limited, Permira Advisers LLP, Pantheon Holdco Limited, Permira Associati SpA** u **Higea SpA kontra Vertical Group Holding Limited** u **Sergio Giglio, Bruno Giglio** u **S.S. Giovanni e Paolo S.r.l.** bin-numru ta' reġistrazzjoni 27821/2010, bil-lingwa Taljana u *a fol.* 102 sa 121, traduzzjoni bl-Ingliż.

*huma kollha domiċiljati ġewwa l-Italja) ai termini tal-Artikolu 4 tar-Recast Regulation, u, addizjonalment, mingħajr preġudizzju għal jekk qatt sarx xi avveniment dannuż mit-Tieni Konvenuti, jekk tali avveniment dannuż seħħ, il-qrati kompetenti sabiex jisimgħu u jiddeterminaw tali materji ai termini tal-Artikolu 7(3) tar-Recast Regulation huma l-Qrati fejn l-avveniment dannuż seħħ jew seta' jseħħ, illi ċertament ma hux ġewwa Malta;*

4. *Illi wkoll fuq bażi preliminari iżda sussegwentament għall-eċċezzjoni preċedenti, il-kumpannija rikorrenti eHealth Limited (min issa imsejħa "eHealth") ma għandiex locus standi sabiex tippreżenta u tressaq dawn il-proċedimenti għaliex ma kelliex u qatt ma seta' kellha relazzjoni ġuridika mat-Tieni Konvenuti kemm jekk abbażi ta' kuntratt jew ta' delitt jew mod ieħor, għaliex anke jekk t-Tieni Konvenuti kellhom jinstabu responsabbli illi għamlu dak illi qed jiġu akkużati bih, huma kieku jkunu għamluh għad-detriment ta' Vertical Group Holding Limited (C52240) u mhux fil-konfront tar-rikorrenti tal-lum ossija eHealth illi lanqas biss kienet għadha teżisti meta l-allegat avveniment seħħ u infatti kienet inkorporata biss (fit-30 Jannar, 2015) sitta u erbgħin (46) jum wara illi ż-żmien stabbilit fil-Letter of Intent kien skada u wara illi l-effetti legali kollha ta' dik il-Letter of Intent kienu x'kienu, kienu skadew;*

5. *Illi l-proċedimenti mressqa kontra t-Tieni Konvenuti huma nulli u bla effett għaliex ma ġiex spjegat fid-dettall rikjest, sabiex tkun tista' titressaq difiża xierqa, dak illi t-Tieni Konvenuti qegħdin jiġu akkużati bih, jew kif u fejn huma allegatament arrikkew irwiehom indebitament, u dan bi ksur tal-artikolu 156(1)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta illi jirrikjedi illi r-rikorrenti jindika biċ-ċar ir-raġuni tat-talba;*

6. *Illi, mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni preċedenti, kwalsiasi dannu illi soffriet eHealth in konnessjoni mas-Sub-Licensing, Marketing and Distribution Agreement ma' Inobis Consulting Group Limited datat 7 ta' Novembru, 2014 (minn issa msejjaħ "Inobis Agreement") (Dokument EH2 anness mar-Rikors Ġuramentat) huma sempliċiment fabrikati fis-sens illi dak l-Inobis Agreement huwa messa in scena u fethim fittizju bejn partijiet relatati illi għandhom l-uffiċċju ta' reġistrazzjoni f'post wieħed fi Triq il-Qattus/Cat Lane, Swatar, liema partijiet huma ilkoll kontrollati mill-istess direttur, Uwe Schoenfeld, u illi huma wkoll parzjalment propjetà tal-istess azzjonista, Minnehaha Holdings Limited (C43013);*

7. *Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni preċedenti, it-talba ta' eHealth għal danni ikkawżati mill-allegata inadempjenza fuq l-Inobis Agreement kienet*

*mressqa fi stadju prematur għaliex sal-lum -il ġurnata eHealth għadha ma soffriet l-ebda telf. Huwa veru illi Inobis Consulting Group Limited ressqu kawża kontra eHealth quddiem dina l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta (Rikors Numru 230/2017) (hawn annessa u mmarkata bħala Dokument PM2[7]), imma bħal fil-każ tal-Inobis Agreement innifsu, din il-kawża ukoll hija artifiċjali u fittizja u saret bejn partijiet relatati sabiex tagħti ħajja lil dejn illi qatt ma seta' eżista, tant hu hekk illi eHealth ippreżentat risposta ġuramentata f'dik il-kawża fejn hija ammetiet bl-aktar mod ċar u mingħajr kundizzjonijiet għall-inadempjenza tagħha (!) (hawn annessa u mmarkata bħala Dokument PM3[8]);*

8. *Illi, mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni preċedenti, jekk din il-kawża hija bbażata fuq allegat aġir dellitwali da parti tat-Tieni Konvenuti għaliex huma allegatament aġixxew "b'mod abbużiv, illeġittimu u frawdolenti" billi huma induċew li tinkiser" il-Letter of Intent, allura fil-kawżi pendenti quddiem il-Qrati ta' Milan (Numru ta' Reġistrazzjoni 27821/2016) il-liġi applikabbli f'din il-kawża ma tintitolax lil eHealth għal xi danni, minħabba nuqqas totali ta' rabta ta' kawżalità. It-telf allegatament soffert mir-rikorrenti ma huwiex konsegwenza diretta u immedjata tal-allegat aġir delittwali jew allegat ksur kuntrattwali attribwit lit-Tieni Konvenuti. Kwalsiasi telf li eHealth tgħid li sofriet huwa riżultat tal-aġir tal-uniku direttur Uwe Schoenfeld illi f'dak iż-żmien kien ukoll id-direttur ta' Vertical Group Holding Limited u liema direttur, billi kien qed jaġixxi b'kunflitt ta' interess u bi ksur tal-obbligi kuntrattwali tiegħu, allegatament assenja drittijiet u obbligi lil eHealth taħt l-Inobis Agreement fi stadju (wara it-30 ta' Jannar, 2015 id-data ta' inkorporazzjoni ta' eHealth) meta kien perfettament konxju, jew kellu jkun konxju kieku aġixxa b'mod diliġenti, illi eHealth ma kinitx f'pożizzjoni illi tonora l-obbligi tagħha taħt l-assenjat Inobis Agreement. Bl-istess mod, eHealth hija responsabbli għall-istess telf illi hija qed tallega illi soffriet u dan għaliex il-kumpannija volontarjament daħlet u/jew aċċettat l-assenjament tal-Inobis Agreement u dan minkejja illi kienet konxja, jew kellha tkun konxja, illi ma kinitx f'pożizzjoni illi tonora l-obbligi taħt l-istess ftehim;*

9. *Illi, mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti, eHealth ma onoratx l-obbligu tagħha illi ttaffi u timmitiga d-danni u illi tevita illi jsir aktar telf meta hija tat il-kunsens tagħha sabiex jiġu assenjati lilha l-obbligi ta' Vertical Group Holdings Limited fuq l-Inobis Agreement fi stadju fejn kien ċar, illi l-Letter of Intent datata 11 ta' Lulju, 2014 iffirmata mal-Ewwel Konvenuti ma kinitx (kif allegat minn Vertical Group Holding Limited fi proċeduri separati fl-Italja) ser tiġi*

[7] *A fol.* 122 sa 125, fl-ismijiet **Inobis Consulting Group Limited *vs.* EHealth Limited** (Rik. Ġur. 230/2017 TA).
[8] *A fol.* 126 u 127.

*onorata minn dawn tal-aħħar, u dan kif ser jiġi ampjament ippruvat waqt il-proċedimenti minn korrispondenza ta' bejn il-partijiet;*

10. *Illi jekk, alternattivament għall-eċċezzjoni preċedenti, il-kawża hija ibbażata fuq il-kważi-delitt tal-arrikkiment indebitu, kif tissuġġerixxi r-referenza magħmula fit-talba 1(b) fir-rikors promotur, allura il-kawża hija inammissibbli fil-liġi minħabba l-fatt illi l-actio de in rem verso taħt il-liġi applikabbli kif ukoll taħt il-liġi proċedurali Maltija hija kawża ta' natura ekwitattiva illi tista' biss titressaq bħala azzjoni sussidjarja u bħala l-aħħar rimedju, wara illi jkunu ġew eżawriti r-rimedji kollha l-oħra u wara illi tintwera prova illi ma kien hemm l-ebda rimedju ieħor ħlief illi tiġi mressqa tali kawża, ħaġa illi s-soċjetà rikorrenti ma tista' qatt tipprova billi:*

    a. *hija lanqas biss ippruvat tirrikorri għar-rimedju tal-indennizz kuntrattwali (indemnity) disponibbli lilha mill-parent Vertical Group Holding Limited skont l-Agreement of Assignment and Transfer anness u mmarkat bħala Annex 4 mal-Inobis Agreement; u*

    b. *hija lanqas biss innotifikat att ġudizzjarju wieħed jew ittra waħda f'Malta kontra t-Tieni Konvenuti qabel ma isstitwiet din il-kawża u lanqas ma rrikorriet għal għadd ta' kawżi oħra li kienu disponibbli lilha;*

11. *Illi l-allegazzjonijiet kollha fir-Rikors Ġuramentat huma f'kull każ ilkoll manifestament infondati fil-fatt u fid-dritt, huma purament fin-natura tagħhom spekulattivi u għandhom jiġu lkoll miċħuda bl-ispejjeż għaliex it-Tieni Konvenuti qatt ma kienu involuti f'aġir jew azzjonijiet abbużivi, illeġittimi u/jew frawdolenti kif qed jiġi allegat mis-soċjetà rikorrenti u din il-kawża ma hija xejn ħlief abbuż tal-proċess ġudizzjarju kif ser jiġi ampjament ippruvat waqt il-kawża. It-Tieni Konvenuti ser joqgħodu maċ-ċitazzjoni tagħhom ("atto di citazione") illi ppreżentaw quddiem il-Qrati ta' Milan (hawn anness u mmarkat bħala Dokument PM1) illi mhux biss huma il-Qrati invokati l-ewwel bil-ġurisdizzjoni fuq l-allegazzjonijiet magħmula fir-Rikors Ġuramentat, iżda huma wkoll il-Qrati illi kellhom ikollhom ġurisdizzjoni sabiex jisimgħu l-proċeduri ai termini tar-Recast Regulation.*

12. *Illi, id-dritt illi jiġu ppreżentati eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-liġi qed jiġu ilkoll riżervati.*

*Bl-ispejjeż kontra l-kumpannija rikorrenti eHealth Limited, inġunta in subizzjoni.*

Rat ir-risposta tal-konvenuti **Sergio Giglio, Bruno Giglio** u **S.S. Giovanni e Paolo S.p.A.** (minn issa 'l quddiem kollettivament "l-Ewwel Konvenuti"), ippreżentata

fit-13 ta' Ġunju, 2017 u maħlufa mill-avukat Dottor Antoine Naudi bħala prokuratur speċjali tal-Ewwel Konvenuti, debitament awtorizzat, fejn eċċepew:

1. *Illi preliminarjament, din l-Onorabbli Qorti għandha, bħala obbligu, tissoprassjedi fuq il-proċedimenti odjerni ai termini tal-Artikolu 29(1) tar-Regolament tal-UE Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru, 2012 dwar il-Ġurisdizzjoni u r-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet Ċivili u Kummerċjali (minn issa imsejħa 'Recast Regulation') minħabba l-fatt illi din il-Qorti ma hix il-Qorti invokata l-ewwel sabiex tisma' u tiddetermina din il-materja għaliex proċedimenti li jinvolvu l-istess kawża ta' azzjoni u bejn l-istess partijiet, definiti ai termini tal-ġurisprudenza applikabbli tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, huma bħalissa pendenti quddiem il-Qrati ta' Milan, fl-Italja quddiem l-Onorabbli Imħallef Angelo Mambriani (angelo.mambriani@giustizia.it) (Proċedimenti bin-numru ta' reġistrazzjoni 27821/2016 li kopja tagħha tinsab annessa u mmarkata bħala okument PM 1 flimkien mal-eċċezzjonijiet tat-Tieni Konvenuti);*

2. *Illi preliminarjament ukoll, u mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, jekk din l-Onorabbli Qorti tiddeċiedi illi ma tissoprassjedix fuq dawn il-proċedimenti odjerni ai termini tal-Artikolu 29(1) tar-Recast Regulation, il-Qorti għandha tuża d-diskrezzjoni tagħha sabiex tissopprassjedi fuq dawn il-proċedimenti odjerni ai termini tal-Artikolu 30(1) tar-Recast Regulation għaliex dawn il-proċedimenti żgur illi jikkwalifikaw bħala "azzjonijiet relatati" mal-proċedimenti pendenti quddiem il-Qorti ta' Milan u jekk tisma' din il-kawża, ser ikun hemm ir-riskju ta' sentenzi irrikonċiljabbli li jirriżultaw minn proċedimenti separati, li hija eżattament is-sitwazzjoni illi r-Recast Regulation tipprova tevita;*

3. *Illi dejjem fuq bażi preliminari u alternattivament u mingħajr preġudizzju għall-ewwel żewġ eċċezzjonijet preliminari, il-"Letter of Intent" datat 11 ta' Lulju, 2014 (Dokument EH1 anness mar-Rikors Ġuramentat) illi a bażi tiegħu l-kumpannija rikorrenti stitwit dawn il-proċeduri jgħid ċar fl-Artikolu sitta (6) tal-istess illi kull disputa jew tilwim rigward il-kontenut tal-istess għandu jkun taħt il-ġurisdizzjoni esklussiva tal-Qrati Taljani;*

4. *Illi fuq bażi preliminari, in limine litis u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet proċedurali l-oħra dwar is-soprasessjoni fuq il-proċedimenti msemmija hawn fuq, din l-Onorabbli Qorti ma għandiex ġurisdizzjoni sabiex tisma' dawn il-proċedimenti minħabba l-fatt illi ħadd mill-Ewwel Konvenuti ma huwa domiċiljati ġewwa Malta u lanqas ma huma domiċiljati ġewwa Malta il-konvenuti l-oħra (Permira Advisers Holdings Ltd, Permira Advisers LLP u Pantheon Holdco Limited*

*li huma domiċiljati fir-Renju Unit u Permira Associati S.p.a. li hija domiċiljata l-Italja (minn issa imsejħa t-"Tieni Konvenuti") ai termini tal-Artikolu 4 tar-Recast Regulation, u, addizzjonalment, mingħajr preġudizzju għal jekk qatt sarx xi avveniment dannuż mill-Ewwel Konvenuti, jekk tali avveniment dannuż seħħ, il-qrati kompetenti sabiex jisimgħu u jiddeterminaw tali materji ai termini tal-Artikolu 7(3) tar-Recast Regulation huma l-Qrati fejn l-avveniment dannuż seħħ jew seta' jseħħ, illi ċertament ma hux ġewwa Malta;*

5. *Illi wkoll fuq bażi preliminari iżda sussegwentament għall-eċċezzjoni preċedenti, il-kumpannija rikorrenti eHealth Limited (min issa imsejħa "eHealth") ma għandiex locus standi sabiex tippreżenta u tressaq dawn il-proċedimenti għaliex ma kelliex u qatt ma seta' kellha relazzjoni ġuridika mal-Ewwel Konvenuti kemm jekk abbażi ta' kuntratt jew ta' delitt jew mod ieħor, għaliex anke jekk l-Ewwel Konvenuti kellhom jinstabu responsabbli illi għamlu dak illi qed jiġu akkużati bih, huma kieku jkunu għamluh għad-detriment ta' Vertical Group Holding Limited (C52240) u mhux fil-konfront tar-rikorrenti tal-lum ossija eHealth illi lanqas biss kienet għadha teżisti meta l-allegat avveniment seħħ u infatti kienet inkorporata biss (fit-30 Jannar, 2015) sitta u erbgħin (46) jum wara illi ż-żmien stabilit fil-Letter of Intent kien skada u wara illi l-effetti legali kollha ta' dik il-Letter of Intent kienu x'kienu, kienu skadew;*

6. *Illi dejjem in linea preliminari, ir-rikors kif impostat kontra l-kumpannija S.S. Giovanni e Paolo S.p.A. (waħda mill-Ewwel Konvenuti) m'għandux bażi legali u l-kumpannija S.S. Giovanni e Paolo S.p.A. għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju għas-sempliċi raġuni illi jekk qatt kien hemm xi obbligi fil-"letter of intent" datat 11 ta' Lulju, 2014 (ħaġa illi hija kontestata mill-Ewwel Konvenuti), dawn ċertament ma kienux tal-kumpannija S.S. Giovanni e Paola S.p.A. li kienet sempliċement l-oġġett tax-xiri potenzjali ta' ishma ġo fiha da parti tas-soċjetà Vertical Group Holding Limited;*

7. *Illi l-proċedimenti mressqa kontra l-Ewwel Konvenuti huma nulli u bla effett għaliex ma ġiex spjegat fid-dettall rikjest, sabiex tkun tista' titressaq difiża xierqa, dak illi l-Ewwel Konvenuti qegħdin jiġu akkużati bih, jew kif u fejn huma allegatament arrikkew irwieħom indebitament, u dan bi ksur tal-Artikolu 156(1)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta illi jirrikjedi illi r-rikorrenti jindika biċ-ċar ir-raġuni tat-talba;*

8. *Illi, mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni preċedenti, kwalsiasi dannu illi soffriet eHealth in konnessjoni mas-Sub-Licensing, Marketing and Distribution Agreement ma' Inobis Consulting Group Limited datat 7 ta' Novembru, 2014 (minn issa msejjaħ "Inobis Agreement") (Dokument EH2 anness mar-Rikors Ġuramentat) huma sempliċiment fabrikati fis-sens illi dak l-Inobis Agreement*

*huwa messa in scena u ftehim fittizju bejn partijiet relatati illi għandhom l-uffiċċju ta' reġistrazzjoni f'post wieħed fi Triq il-Qattus/Cat Lane, Swatar, liema partijiet huma ilkoll kontrollati mill-istess direttur, Uwe Schoenfeld, u illi huma wkoll parzjalment propjetà tal-istess azzjonista, Minnehaha Holdings Limited (C43013);*

9. *Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni preċedenti, it-talba ta' eHealth għal danni ikkawżati mill-allegata inadempjenza fuq l-Inobis Agreement kienet imressqa fi stadju prematur għaliex sal-lum -il ġurnata eHealth għadha ma soffriet l-ebda telf. Huwa veru illi Inobis Consulting Group Limited ressqu kawża kontra eHealth quddiem dina l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta (Rikors Numru 230/2017) (kopja annessa u mmarkata bħala Dokument PM2 flimkien ma' l-eċċezzjonijiet mressqa mit-Tieni Konvenuti), imma bħal fil-każ tal-Inobis Agreement innifsu, din il-kawża ukoll hija artifiċjali u fittizja u saret bejn partijiet relatati sabiex tagħti ħajja lil dejn illi qatt ma seta' eżista, tant hu hekk illi eHealth ippreżentat risposta ġuramentata f'dik il-kawża fejn hija ammetiet bl-aktar mod ċar u mingħajr kundizzjonijiet għall-inadempjenza tagħha (kopja annessa u mmarkata bħala Dokument PM3 flimkien mal-eċċezzjonijiet mressqa mit-Tieni Konvenuti);*

10. *Illi, mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni preċedenti, jekk din il-kawża hija bbażata fuq allegat aġir dellitwali da parti tal-Ewwel Konvenuti għaliex huma allegatament aġixxew "b'mod abbużiv, illeġittimu u frawdolenti" jew a bażi ta' allegat ksur tal-Letter of Intent, allura fil-kawżi pendenti quddiem il-Qrati ta' Milan (Numru ta' Reġistrazzjoni 27821/2016 Onorabbli Imħallef Angelo Mambriani) il-liġi applikabbli f'din il-kawża ma tintitolax lil eHealth għal xi danni, minħabba nuqqas totali ta' rabta ta' kawżalità. It-telf allegatament soffert mir-rikorrenti ma huwiex konsegwenza diretta u immedjata tal-allegat aġir delittwali jew allegat ksur kuntrattwali attribwit lill-Ewwel Konvenuti. Kwalsiasi telf li eHealth tgħid li sofriet huwa riżultat tal-aġir tal-uniku direttur Uwe Schoenfeld illi f'dak iż-żmien kien ukoll id-direttur ta' Vertical Group Holding Limited u liema direttur, billi kien qed jaġixxi b'kunflitt ta' interess u bi ksur tal-obbligi kuntrattwali tiegħu, allegatament assenja drittijiet u obbligi lil eHealth taħt l-Inobis Agreement fi stadju (wara it-30 ta' Jannar, 2015 id-data ta' inkorporazzjoni ta' eHealth) meta kien perfettament konxju, jew kellu jkun konxju kieku aġixxa b'mod diliġenti, illi eHealth ma kinitx f'pożizzjoni illi tonora l-obbligi tagħha taħt l-assenjat Inobis Agreement. Bl-istess mod, eHealth hija responsabbli għall-istess telf illi hija qed tallega illi soffriet u dan għaliex il-kumpanija volontarjament daħlet u/jew aċċettat l-assenjament tal-Inobis Agreement u dan minkejja illi kienet konxja, jew kellha tkun konxja, illi ma kinitx f'pożizzjoni illi tonora l-obbligi taħt l-istess ftehim;*

11. *Illi, mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti, eHealth ma onoratx l-obbligu tagħha illi ttaffi u timmitiga d-danni u illi tevita illi jsir aktar telf meta hija tat il-kunsens tagħha sabiex jiġu assenjati lilha l-obbligi ta' Vertical Group Holdings Limited fuq l-Inobis Agreement fi stadju fejn kien ċar, illi l-Letter of Intent datata 11 ta' Lulju, 2014 iffirmata mal-Ewwel Konvenuti ma kinitx (kif allegat minn Vertical Group Holding Limited fi proċeduri separati fl-Italja) ser tiġi onorata minn dawn tal-aħħar, u dan kif ser jiġi ampjament ippruvat waqt il-proċedimenti minn korrispondenza ta' bejn il-partijiet;*

12. *Illi jekk, alternattivament għall-eċċezzjoni preċedenti, il-kawża hija ibbażata fuq il-kważi-delitt tal-arrikkiment indebitu, kif tissuġġerixxi r-referenza magħmula fit-talba 1(b) fir-rikors promotur, allura il-kawża hija inammissibbli fil-liġi minħabba l-fatt illi l-actio de in rem verso taħt il-liġi applikabbli kif ukoll taħt il-liġi proċedurali Maltija hija kawża ta' natura ekwitattiva illi tista' biss titressaq bħala azzjoni sussidjarja u bħala l-aħħar rimedju, wara illi jkunu ġew eżawriti r-rimedji kollha l-oħra u wara illi tintwera prova illi ma kien hemm l-ebda rimedju ieħor ħlief illi tiġi mressqa tali kawża, ħaġa illi s-soċjetà rikorrenti ma tista' qatt tipprova billi:*

    a. *hija lanqas biss ippruvat tirrikorri għar-rimedju tal-indennizz kuntrattwali (indemnity) disponibbli lilha mill-parent Vertical Group Holding Limited skont l-Agreement of Assignment and Transfer anness u mmarkat bħala Annex 4 mal-Inobis Agreement; u*

    b. *hija lanqas biss innotifikat att ġudizzjarju wieħed jew ittra waħda f'Malta kontra l-Ewwel Konvenuti qabel ma istitwiet din il-kawża u lanqas ma rrikorriet għal għadd ta' kawżi oħra li kienu disponibbli lilha;*

13. *Illi l-allegazzjonijiet kollha fir-Rikors Ġuramentat huma f'kull każ ilkoll manifestament infondati fil-fatt u fid-dritt, huma purament fin-natura tagħhom spekulattivi u għandhom jiġu lkoll miċħuda bl-ispejjeż għaliex l-Ewwel Konvenuti qatt ma kienu involuti f'aġir jew azzjonijiet abbusivi, illeġittimi u/jew frawdolenti kif qed jiġi allegat mis-soċjetà rikorrenti u din il-kawża ma hija xejn ħlief abuż tal-proċess ġudizzjarju kif ser jiġi ampjament ippruvat waqt il-kawża.*

14. *Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-meritu, il-"letter of intent" datat 11 ta' Lulju 2014 (li skada fil-15 ta' Diċembru 2014) qatt ma jista' jitqies bħala rabta vinkolanti bejn il-partijiet fis-sens ta' bejgħ konkluż bejn il-partijiet kif*

*sejjer jiġi ppruvat fil-kors tat-trattazzjoni ta' dan il-każ u kif ġjà esprima ruħu il-Tribunale di Genova f'sentenza mogħtija fl-14 ta' Awissu 2015 [DOK GG1[9]]*

15. *Illi, id-dritt illi jiġu ppreżentati eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-liġi qed jiġu ilkoll riżervati.*

*Bl-ispejjeż kontra l-kumpannija rikorrenti eHealth Limited, inġunta in subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjeta **Permira Associati SpA** (minn issa 'l quddiem "it-Tieni Konvenuta l-oħra"), ippreżentata fid-19 ta' Ġunju 2017 u maħlufa mill-Avukat Dottor Antoine Cremona bħala prokuratur speċjali tat-Tieni Konvenuta l-oħra, debitament awtorizzat, li biha eċċepiet:

1. *Illi preliminarjament, din l-Onorabbli Qorti għandha, bħala obbligu, tissoprassjedi fuq il-proċedimenti odjerni ai termini tal-Artikolu 29(1) tar-Regolament tal-UE Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru, 2012 dwar il-Ġurisdizzjoni u r-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet Ċivili u Kummerċjali (minn issa imsejħa 'Recast Regulation') minħabba l-fatt illi din il-Qorti ma hix il-Qorti invokata l-ewwel sabiex tisma' u tiddetermina din il-materja għaliex proċedimenti li jinvolvu l-istess kawża ta' azzjoni u bejn l-istess partijiet, definiti ai termini tal-ġurisprudenza applikabbli tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, huma bħalissa pendenti quddiem il-Qrati ta' Milan, fl-Italja (Proċedimenti bin-numru ta' reġistrazzjoni 27821/2016 annessa u mmarkata bħala Dokument PM 1 mar-Risposta Ġuramentata tat-Tieni Konvenuti l-oħra datata u maħlufa fid-29 ta' Mejju, 2017);*

2. *Illi preliminarjament ukoll, u mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, jekk din l-Onorabbli Qorti tiddeċiedi illi ma tissoprasjedix fuq dawn il-proċedimenti odjerni ai termini tal-Artikolu 29(1) tar-Recast Regulation, il-Qorti għandha tuża d-diskrezzjoni tagħha sabiex tissopprassjedi fuq dawn il-proċedimenti odjerni ai termini tal-Artikolu 30(1) tar-Recast Regulation għaliex dawn il-proċedimenti żgur illi jikkwalifikaw bħala "azzjonijiet relatati" mal-proċedimenti pendenti quddiem il-Qorti ta' Milan u jekk tisma' din il-kawża, ser ikun hemm ir-riskju ta' sentenzi irrikonċiljabbli li jirriżultaw minn proċedimenti separati, li hija eżattament is-sitwazzjoni illi r-Recast Regulation tipprova tevita;*

[9] *A fol.* 140 u 142, RG 9447/2015.

3. *Illi fuq bażi preliminari, in limine litis u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet proċedurali l-oħra dwar is-soprasessjoni fuq il-proċedimenti msemmija hawn fuq, din l-Onorabbli Qorti ma għandiex ġurisdizzjoni sabiex tisma' dawn il-proċedimenti minħabba l-fatt illi ħadd mit-Tieni Konvenuti ma huwa domiċiljati ġewwa Malta (Permira Advisers Holdings Ltd, Permira Advisers LLP u Pantheon Holdco Limited li huma domiċiljati fir-Renju Unit u Permira Associati SpA hija domiċiljata fl-Italja) u lanqas ma huma domiċiljati ġewwa Malta l-konvenuti l-oħra (Sergio Giglio, Bruno Giglio, S.S. Giovanni u Paolo S.r.l., (minn issa imsejħa l-"Ewwel Konvenuti") huma kollha domiċiljati ġewwa l-Italja) ai termini tal-Artikolu 4 tar-Recast Regulation, u, addizjonalment, mingħajr preġudizzju għal jekk qatt sarx xi avveniment dannuż mit-Tieni Konvenuti, jekk tali avveniment dannuż seħħ, il-qrati kompetenti sabiex jisimgħu u jiddeterminaw tali materji ai termini tal-Artikolu 7(3) tar-Recast Regulation huma l-Qrati fejn l-avveniment dannuż seħħ jew seta' jseħħ, illi ċertament ma hux ġewwa Malta;*

4. *Illi wkoll fuq bażi preliminari iżda sussegwentament għall-eċċezzjoni preċedenti, ir-rikors ġuramentat ġie maħluf mill-kumpannija rikorrenti Ehealth Limited (minn issa msejjħa "eHealth") bi ksur tal-artikolu 1866 tal-Kodiċi Ċivili (Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta), u allura, huwa null u bla effett f'għajnejn il-liġi. Kif ser jiġi ppruvat matul dawn il-proċeduri, id-direttur waħdieni ta' eHealth, ċjoè Uwe Schoenfeld, kien preżenti u/jew ordinarjament residenti f'Malta fil-ħin li r-rikors ġuramentat ġie maħluf u ppreżentat, u allura eHealth qatt ma setgħet tqabbad lil Dr. Pio Valletta bħala l-mandatarju tagħha minħabba li d-direttur waħdieni tagħha ma kienx assenti minn Malta f'dak il-ħin;*

5. *Illi, mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni preċedenti eHealth ma għandiex locus standi sabiex tippreżenta u tressaq dawn il-proċedimenti għaliex ma kelliex u qatt ma seta' kellha relazzjoni ġuridika mat-Tieni Konvenuti kemm jekk abbażi ta' kuntratt jew ta' delitt jew mod ieħor, għaliex anke jekk it-Tieni Konvenuti kellhom jinstabu responsabbli illi għamlu dak illi qed jiġu akkużati bih, huma kieku jkunu għamluh għad-detriment ta' Vertical Group Holding Limited (C52240) u mhux fil-konfront tar-rikorrenti tal-lum ossija eHealth illi lanqas biss kienet għadha teżisti meta l-allegat avveniment seħħ u infatti kienet inkorporata biss (fit-30 Jannar, 2015) sitta u erbgħin (46) jum wara illi ż-żmien stabbilit fil-Letter of Intent kien skada u wara illi l-effetti legali kollha ta' dik il-Letter of Intent kienu x'kienu, kienu skadew;*

6. *Illi l-proċedimenti mressqa kontra t-Tieni Konvenuti huma nulli u bla effett għaliex ma ġiex spjegat fid-dettall rikjest, sabiex tkun tista' titressaq difiża xierqa, dak illi t-Tieni Konvenuti qegħdin jiġu akkużati bih, jew kif u fejn huma allegatament arrikew irwiehom indebitament, u dan bi ksur tal-artikolu 156(1)(b) tal-Kapitolu*

*12 tal-Liġijiet ta' Malta illi jirrikjedi illi r-rikorrenti jindika biċ-ċar ir-raġuni tat-talba;*

7. *Illi, mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni preċedenti, kwalsiasi dannu illi soffriet eHealth in konnessjoni mas-Sub-Licensing, Marketing and Distribution Agreement ma' Inobis Consulting Group Limited datat 7 ta' Novembru, 2014 (minn issa msejjaħ "Inobis Agreement") (Dokument EH2 anness mar-Rikors Ġuramentat) huma sempliċiment fabrikati fis-sens illi dak l-Inobis Agreement huwa messa in scena u fethim fittizju bejn partijiet relatati illi għandhom l-uffiċċju ta' reġistrazzjoni f'post wieħed fi Triq il-Qattus/Cat Lane, Swatar, liema partijiet huma ilkoll kontrollati mill-istess direttur, Uwe Schoenfeld, u illi huma wkoll parzjalment propjetà tal-istess azzjonista, Minnehaha Holdings Limited (C43013);*

8. *Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni preċedenti, it-talba ta' eHealth għal danni ikkawżati mill-allegata inadempjenza fuq l-Inobis Agreement kienet mressqa fi stadju prematur għaliex sal-lum -il ġurnata eHealth għadha ma soffriet l-ebda telf. Huwa veru illi Inobis Consulting Group Limited ressqu kawża kontra eHealth quddiem dina l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta (Rikors Numru 230/2017) (kif annessa u mmarkata bħala Dokument PM2 mar-Risposta Ġuramentata tat-Tieni Konvenuti l-oħra datata u maħlufa fid-29 ta' Mejju, 2017), imma bħal fil-każ tal-Inobis Agreement innifsu, din il-kawża ukoll hija artifiċjali u fittizja u saret bejn partijiet relatati sabiex tagħti ħajja lil dejn illi qatt ma seta' eżista, tant hu hekk illi eHealth ippreżentat risposta ġuramentata f'dik il-kawża fejn hija ammetiet bl-aktar mod ċar u mingħajr kundizzjonijiet għall-inadempjenza tagħha (!) (kif annessa u mmarkata bħala Dokument PM3 mar-Risposta Ġuramentata tat-Tieni Konvenuti l-oħra datata u maħlufa fid-29 ta' Mejju, 2017);*

9. *Illi, mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni preċedenti, jekk din il-kawża hija bbażata fuq allegat aġir dellitwali da parti tat-Tieni Konvenuti għaliex huma allegatament aġixxew "b'mod abbużiv, illeġittimu u frawdolenti" billi huma induċew li tinkiser" il-Letter of Intent, allura fil-kawżi pendenti quddiem il-Qrati ta' Milan (Numru ta' Reġistrazzjoni 27821/2016) l-liġi applikabbli f'din il-kawża ma tintitolax lil eHealth għal xi danni, minħabba nuqqas totali ta' rabta ta' kawżalità. It-telf allegatament soffert mir-rikorrenti ma huwiex konsegwenza diretta u immedjata tal-allegat aġir delittwali jew allegat ksur kuntrattwali attribwit lit-Tieni Konvenuti. Kwalsiasi telf li eHealth tgħid li sofriet huwa riżultat tal-aġir tal-uniku direttur Uwe Schoenfeld illi f'dak iż-żmien kien ukoll id-direttur ta' Vertical Group Holding Limited u liema direttur, billi kien qed jaġixxi b'kunflitt ta' interess u bi ksur tal-obbligi kuntrattwali tiegħu, allegatament assenja drittijiet u obbligi lil eHealth taħt l-Inobis Agreement fi stadju (wara it-30 ta'*

*Jannar, 2015 id-data ta' inkorporazzjoni ta' eHealth) meta kien perfettament konxju, jew kellu jkun konxju kieku aġixxa b'mod diliġenti, illi eHealth ma kinitx f'pożizzjoni illi tonora l-obbligi tagħha taħt l-assenjat Inobis Agreement. Bl-istess mod, eHealth hija responsabbli għall-istess telf illi hija qed tallega illi soffriet u dan għaliex il-kumpannija volontarjament daħlet u/jew aċċettat l-assenjament tal-Inobis Agreement u dan minkejja illi kienet konxja, jew kellha tkun konxja, illi ma kinitx f'pożizzjoni illi tonora l-obbligi taħt l-istess ftehim;*

10. *Illi, mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti, eHealth ma onoratx l-obbligu tagħha illi ttaffi u timmitiga d-danni u illi tevita illi jsir aktar telf meta hija tat il-kunsens tagħha sabiex jiġu assenjati lilha l-obbligi ta' Vertical Group Holdings Limited fuq l-Inobis Agreement fi stadju fejn kien ċar, illi l-Letter of Intent datata 11 ta' Lulju, 2014 iffirmata mal-Ewwel Konvenuti ma kinitx (kif allegat minn Vertical Group Holding Limited fi proċeduri separati fl-Italja) ser tiġi onorata minn dawn tal-aħħar, u dan kif ser jiġi ampjament ippruvat waqt il-proċedimenti minn korrispondenza ta' bejn il-partijiet;*

11. *Illi jekk, alternattivament għall-eċċezzjoni preċedenti, il-kawża hija ibbażata fuq il-kważi-delitt tal-arrikkiment indebitu, kif tissuġġerixxi r-referenza magħmula fit-talba 1(b) fir-rikors promotur, allura il-kawża hija inammissibbli fil-liġi minħabba l-fatt illi l-actio de in rem verso taħt il-liġi applikabbli kif ukoll taħt il-liġi proċedurali Maltija hija kawża ta' natura ekwitattiva illi tista' biss titressaq bħala azzjoni sussidjarja u bħala l-aħħar rimedju, wara illi jkunu ġew eżawriti r-rimedji kollha l-oħra u wara illi tintwera prova illi ma kien hemm l-ebda rimedju ieħor ħlief illi tiġi mressqa tali kawża, ħaġa illi s-soċjetà rikorrenti ma tista' qatt tipprova billi:*

    a. *hija lanqas biss ippruvat tirrikorri għar-rimedju tal-indennizz kuntrattwali (indemnity) disponibbli lilha mill-parent Vertical Group Holding Limited skont l-Agreement of Assignment and Transfer anness u mmarkat bħala Annex 4 mal-Inobis Agreement; u*

    b. *hija lanqas biss innotifikat att ġudizzjarju wieħed jew ittra waħda f'Malta kontra t-Tieni Konvenuti qabel ma isstitwiet din il-kawża u lanqas ma rrikorriet għal għadd ta' kawżi oħra li kienu disponibbli lilha;*

12. *Illi l-allegazzjonijiet kollha fir-Rikors Ġuramentat huma f'kull każ ilkoll manifestament infondati fil-fatt u fid-dritt, huma purament fin-natura tagħhom spekulattivi u għandhom jiġu lkoll miċħuda bl-ispejjeż għaliex it-Tieni Konvenuti qatt ma kienu involuti f'aġir jew azzjonijiet abbużivi, illeġittimi u/jew frawdolenti kif qed jiġi allegat mis-soċjetà rikorrenti u din il-kawża ma hija xejn ħlief abbuż tal-proċess ġudizzjarju kif ser jiġi ampjament ippruvat waqt il-kawża. It-Tieni Konvenuti ser joqgħodu maċ-ċitazzjoni tagħhom ("atto di citazione") illi*

*ppreżentaw quddiem il-Qrati ta' Milan (hawn anness u mmarkat bħala Dokument PM1 mar-Risposta Ġuramentata tat-Tieni Konvenuti l-oħra datata u maħlufa fid-29 ta' Mejju, 2017) illi mhux biss huma il-Qrati invokati l-ewwel bil-ġurisdizzjoni fuq l-allegazzjonijiet magħmula fir-Rikors Ġuramentat, iżda huma wkoll il-Qrati illi kellhom ikollhom ġurisdizzjoni sabiex jisimgħu l-proċeduri ai termini tar-Recast Regulation.*

13. *Illi, id-dritt illi jiġu ppreżentati eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-liġi qed jiġu ilkoll riżervati.*

*Bl-ispejjeż kontra l-kumpannija rikorrenti eHealth Limited, inġunta in subizzjoni.*

Rat id-digriet tagħha mogħti waqt l-udjenza tat-12 ta' Lulju, 2017 fejn ġie ordnat li qabel kull ħaġa jiġu ttrattati l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti kollha u għaldaqstant ġiet ordnata l-inverżjoni tal-provi.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-15 ta' Jannar, 2018 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenuti kollha.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Fis-7 ta' Novembru, 2014 is-soċjetà attriċi EHealth Limited kienet ġiet assenjata d-drittijiet tas-soċjetà Vertical Group Holding Limited naxxenti mill-ftehim tal-11 ta' Lulju, 2014 li din kellha biex takkwista 100% tal-ishma tal-aħwa Sergio u

Bruno Giglio fis-soċjetà S.S. Giovanni e Paolo S.r.l. u fis-soċjetajiet sussidjarji u affiljati tagħha. Fil-kors tan-negozju tas-soċjetà Vertical Group Holding Limited, din daħlet fi ftehim ieħor, datat ukoll 7 ta' Novembru, 2014, għal *sub-licensing, marketing* u *distribution* mas-soċjetà Inobis Consulting Group Limited. Fil-ftehim bejn is-soċjetà Vertical Group Holding Limited u l-aħwa Giglio, kien kemm klawsola ta' esklussività għal perijodu determinat favur Vertical Group Holding Limited rigward trattativi għall-bejgħ tal-ishma imsemmija. Irriżulta li l-Ewwel Konvenuti sussegwentement infurmaw lis-soċjetà Vertical Group Holding Limited li ma kinux lesti jkomplu bit-trattattivi għall-bejgħ tal-imsemmija ishma u n-negozju ma ġiex konkluż. Is-soċjetà Vertical Group Holding Limited għaldaqstant allegat li kellha tikser il-ftehim ma' Inobis Consulting Group Limited li konsegwentement istitwiet kawża kontra tagħha għad-danni fis-somma ta' erbatax-il miljun Euro u nofs. Għaldaqstant is-soċjetà attriċi li kienet ġiet assenjata d-drittijiet tas-soċjetà Vertical Group Holding Limited f'din il-kawża qiegħda taġixxi ġudizzjarjament kontra l-konvenuti aħwa Giglio u kontra s-soċjetà konvenuta S.S. Giovanni e Paolo S.r.l., għad-danni li allegatament sofriet u qiegħda taġixxi wkoll kontra s-soċjetajiet konvenuti Permira Advisors Holdings Limited, Permira Advisers LLP, Pantheon Holdco Limited u Permira Associati SpA li kienu qed jinnegozjaw mal-Ewwel Konvenuti għax-xiri tal-istess ishma meta l-Ewwel Konvenuti suppost li kienu qegħdin jinnegozjaw mas-soċjetà Vertical Group Holding Limited dwar il-bejgħ tal-imsemmija ishma. Min-naħa tagħhom il-konvenuti kollha qegħdin jallegaw, fost affarijiet oħra, illi kwalsiasi danni li allegatament sofriet is-soċjetà attriċi in konnessjoni mal-Inobis Agreement huma sempliċiment fabrikati fis-sens li kien hemm kollużjoni u *messa in scena* bejn is-soċjetà attriċi u Inobis Consulting Group Limited. Barra minn hekk il-konvenuti kollha jilqgħu għat-talbiet attriċi billi jeċċepixxu diversi eċċezzjonijiet preliminari, bl-ewwel żewġ eċċezzjonijiet

preliminari tal-konvenuti li skont il-verbal tal-udjenza tat-12 ta' Lulju, 2017 kellhom jiġu ttrattati qabel kull ħaġa oħra.

Permezz ta' dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari l-konvenuti jitolbu:

1. Is-soprasessjoni minn din il-Qorti *ai termini* tal-Artikolu 29(1) tar-Regolament tal-UE Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru, 2012 dwar il-Ġurisdizzjoni u r-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet Ċivili u Kummerċjali minħabba l-fatt illi din il-Qorti mhix il-Qorti invokata l-ewwel sabiex tisma' u tiddetermina din il-materja għaliex proċedimenti li jinvolvu l-istess kawża ta' azzjoni u bejn l-istess partijiet, definiti *ai termini* tal-ġurisprudenza applikabbli tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, bħalissa jinsabu pendenti quddiem il-Qrati ta' Milan, fl-Italja (Proċedimenti bin-numru ta' reġistrazzjoni 27821/2016); u

2. Jekk din l-Qorti tiddeċiedi illi ma tissoprasjedix fuq dawn il-proċedimenti odjerni *ai termini* tal-Artikolu 29(1) tal-imsemmija Regolamenti, il-Qorti għandha tuża d-diskrezzjoni tagħha sabiex tissoprasjedi fuq dawn il-proċedimenti odjerni *ai termini* tal-Artikolu 30(1) tal-istess Regolamenti għaliex dawn il-proċedimenti jikkwalifikaw bħala "azzjonijiet relatati" mal-proċedimenti pendenti quddiem il-Qorti ta' Milan u jekk din il-Qorti tisma' din il-kawża, ser ikun hemm ir-riskju ta' sentenzi irrikonċiljabbli li jirriżultaw minn proċedimenti separati, li hija eżattament is-sitwazzjoni illi dan ir-Regolament jipprova jevita.

**Provi u riżultanzi**

Fl-udjenza tat-23 ta' Ottubru, 2017 il-partijiet qablu li kienu qed jeżentaw reċiprokament lill-xulxin min-neċessità tal-proċedura tal-ġurament konfermat quddiem il-Konsolat ta' Malta fil-ġurisdizzjonijiet rispettivi tagħhom u dan japplika sija għax-xhieda tal-atturi u sija għax-xhieda tal-konvenuti.

It-Tieni Konvenuti ppreżentaw opinjoni legali[10] dwar id-dritt Taljan mħejjija mill-avukati Prof. Stefano Alberto Sillato u Sirio D'Amanzo b'diversi dokumenti relatati mal-proċeduri fl-Italja. Dawn ikkonfermaw li huma l-avukati li qed jidhru għat-Tieni Konvenuti fil-proċeduri quddiem il-Qorti ta' Milan preseduta mill-Imħallef Mambriani. L-avukati Sillato u D'Amanzo jispjegaw li fit-22 ta' Lulju, 2015 abbażi ta' allegat ksur tal-*letter of intent* tal-11 ta' Lulju, 2014 bejn Vertical Group Holding Limited u L-Ewwel Konvenuti, Vertical Group Holding Limited talbet lill-Qorti ta' Genoa biex tinibixxi lill-aħwa Giglio milli jittrasferixxu l-ishma tagħhom fis-soċjetà S.S. Giovanni u Paolo S.r.l. lil terzi. Din it-talba ġiet miċħuda fis-17 ta' Awwissu, 2015, billi dik il-Qorti qalet li l-*letter of intent* ma kinitx torbot lill-partijiet.[11] Sussegwentement il-konsulenti legali Ingliżi ta' Vertical Group Holding Limited kienu bagħtu ittra legali lit-Tieni Konvenuti[12] u fit-2 ta' Mejju, 2016, it-Tieni Konvenuti flimkien mas-soċjetà Higea S.p.a. fetħu kawża ta' jattanza kontra Vertical Group Holding Limited u l-aħwa Sergio u Bruno Giglio quddiem il-Qorti ta' Milan dwar l-imsemmija pretensjonijiet tagħhom. Fit-28 ta' Diċembru, 2016, Vertical Group Holding Limited ("Vertical") ippreżentat l-eċċezzjonijiet tagħha iżda ma kkontestatx anzi aċċettat

[10] *A fol.* 220 sa 225.
[11] Kopja tad-digriet *a fol.* 251 u 252.
[12] *A fol.* 227 sa 250 datata 19.04.2016, bid-dokumentazzjoni relattiva annessa.

espressament il-ġurisdizzjoni tal-Qorti ta' Milan.[13] Mal-eċċezzjonijiet tagħha Vertical għamlet ukoll kontrotalba fejn qalet li l-atturi f'dik il-kawża għandhom jinżammu responsabbli għad-danni *in solidum* mal-aħwa Giglio u s-soċjetà S.S. Giovanni u Paolo S.r.l. u kkjamathom fil-kontrotalba tagħha. L-aħwa Giglio[14] ppreżentaw l-eċċezzjonijiet tagħhom f'dik il-kawża fit-30 ta' Diċembru, 2016[15], u wara li ġew kjamati fil-kontrotalba ta' Vertical[16] daħlu l-eċċezzjonijiet tagħhom għal dik il-kontrotalba.[17]

L-avukati Sillato u D'Amanzo jispjegaw ukoll kif il-Qorti ta' Milan ġiet infurmata mill-avukati tat-Tieni Konvenuti bil-proċeduri odjerni li ġew istitwiti f'Malta, u kkontendew li (i) l-*causa petendi* tal-kawża odjerna kienet l-istess bħal dik tal-kawża quddiem il-Qorti ta' Milan; (ii) li l-kawża f'Malta kienet tirrigwardja l-istess drittijiet prekontrattwali u li għandha l-istess raġuni għat-talba għad-danni allegati minn Vertical Group Holding Limited; (iii) li Ehealth, is-soċjetà konvenuta fil-kawża imsemmija, kienet tappartjeni lil Vertical Group Holding Limited. Vertical ikkontestaw dan u ngħata żmien biex il-partijiet jifformulaw is-sottomissjonijiet tagħhom.[18] Saru sottomissjonijiet rispettivament mit-Tieni Konvenuti, mill-Ewwel Konvenuti u minn Vertical Group Holding Limited.[19] L-avukati Sillato u D'Amanzo jispjegaw li t-Tieni Konvenuti ssottomettew elementi soġġettivi u oġġettivi li juru kif il-proċedimenti f'Malta jikkoinċidu mal-proċedimenti fl-Italja:

[13] *A fol.* 276 sa 316, bi traduzzjoni bl-Ingliż *a fol.* 317 sa 356. Din kienet tinkludi kontro-talba u talba biex jiġu kjamati l-Ewwel Konvenuti.
[14] Flimkien mas-soċjetà S.S. Giovanni e Paolo S.r.l.
[15] *A fol.* 357 sa 377.
[16] Digriet *a fol.* 378 sa 382.
[17] *A fol.* 383 sa 395.
[18] *A fol.* 396 sa 401.
[19] Rispettivament *a fol.* 402 sa 424, 425 sa 430 u 431 sa 442.

L-elementi soġġettivi in suċċint huma: a) li EHealth hi proprjetà ta' Vertical; b) EHealth ġiet kkostitwita fit-30 ta' Jannar, 2015 wara li Vertical kienet allegat ksur tal-obbligi kuntrattwali da parti tal-aħwa Giglio; ċ) EHealth għalhekk aċċettat l-assenjazzjoni tad-drittijiet ta' Vertical meta kienet konsapevoli tal-allegat ksur; d) EHealth, Vertical u Inobis għandhom l-istess *registered address* u e) għandhom l-istess direttur u rappreżentant legali Uwe Schonfeld; f) Minnehaha Holding Limited li għandha 50% tal-ishma ta' Inobis, għandha *shareholder* lil Ruth Schonfeld, li għandha r-residenza tagħha fl-istess indirizz ta' Uwe Schonfeld, li hu ukoll direttur u rappreżentant legali ta' Minnehaha Holding Limited, u din tal-aħħar għandha l-istess *registered address* bħat-tliet soċjetajiet imsemmija; g) EHealth u Inobis fil-kawża kontra xulxin għandhom avukati mill-istess uffiċju legali ta' Farrugia, Gatt & Falzon; h) EHealth iddikjarat li hi suċċessur fit-titlu ta' Vertical għar-rigward il-ftehim/*letter of intent*; i) EHealth ammettiet it-talbiet fil-proċeduri istitwiti kontriha minn Inobis; j) il-konvenuti fiż-żewġ proċeduri huma l-istess; k) EHealth u Vertical allura huma l-istess persuna. L-elementi oġġettivi huma: l) fil-proċeduri istitwiti minn EHealth u Vertical rispettivament f'Malta u f'Milan, dawn qegħdin jirreklamaw danni dwar l-istess kwistjoni kontra l-istess konvenuti; m) il-*petitum* fiż-żewġ kawżi hi l-kompensazzjoni għal ħsarat allegati b'konsegwenza tal-istess azzjonijiet tal-konvenuti; u n) is-*sub-licensing agreement* ma' Inobis kien dwar prodotti u servizzi li ma kinux jeżistu. Wara dawn is-sottomissjonijiet u s-sottomissjonijiet tal-partijiet l-oħra, il-Qorti ta' Milan għalkemm ma awtorizzatx il-kjamata in kawża ta' EHealth Limited fil-proċeduri[20], peress li skont ir-Regolamenti dwar il-Ġurisdizzjoni u r-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi fi Kwistjonijiet Ċivili

[20] Digriet *a fol.* 443 sa 451.

u Kummerċjali hija il-Qorti ta' Malta fejn il-proċeduri bdew wara dawk fl-Italja, li trid tiddeċiedi l-kwistjoni ta' *lis alibi pendens,* ingħad *obiter dictum:*

> *"It is well known, following the succession in the disputed right, that the subject-matter of the proceedings is no longer the original relationship, but the one between the successor in title and the counterparty of the trasferor; specifically the trasferor continues the proceedings in its quality as procedural substitute and thus no longer claim a right of its own but a right of the asignee. For the same reasons the different identity between the asignee (party to the second proceedings) , and the assignor (party to the first proceedings) is irrelevant in the evaluation of the lis pendens. Thus, there is lis pendens between the on-going proceedings and any possible future proceedings initiated by or against the successor in title for the same claim; lis pendens that, anyhow, as already said, may only be declared by the judge of the second proceedings".*

Il-Qorti ta' Milan fid-digriet tagħha tal-31 ta' Lulju, 2017, ma ddeċidietx għaldaqstant dwar il-kjamata in kawża tas-soċjetà EHealth Limited u dan sabiex tistenna jekk il-Qorti Malta kinitx ser tordna s-soprasessjoni.

L-Ewwel Konvenuti ppreżentaw opinjoni legali[21] dwar id-dritt Taljan mħejjija mill-avukat Roberto Rovero flimkien ma' diversi dokumenti relatati mal-proċeduri fl-Italja fejn prattikament ġew ripetuti l-istess sottomissjonijiet li saru fl-opinjoni legali tal-avukati Sillato u D'Amanzo għat-Tieni Konvenuti.

Is-soċjetà attriċi ppreżentat opinjoni legali[22] dwar id-dritt Taljan mħejjija mill-avukat Simone Ciccotti dwar il-proċeduri li hemm pendenti fl-Italja fejn jiġi premess illi: a) il-kawża odjerna ġiet istitwita quddiem din il-Qorti minn EHealth li mhijiex parti fil-kawża fl-Italja u li lanqas għandha interess fil-kuntratt ta' akkwist bejn is-soċjetà Vertical Group Holding Limited u l-aħwa Giglio; b) il-

[21] *A fol.* 500 sa 504.
[22] *A fol.* 873 sa 880.

kawża f'Malta saret wara li Inobis Consulting Group Limited istitwiet kawża kontra Ehealth dwar ksur ta' kuntratt; ċ) Vertical Group Holding Limited mhux parti fil-kawża f'Malta; d) EHealth hija parti fil-kawża li saret minn Inobis; e) quddiem il-Qorti Taljana intalab mill-konvenuti li tiġi kjamata EHealth biss u mhux Inobis; f) il-Qorti ta' Milan ċaħdet il-kjamata in kawża ta' EHealth Limited u l-Qorti ma rriżervatx li tiddeċiedi dwar dan fi stadju ulterjuri u mhux kif ingħad mill-parti l-oħra; g) fil-proċeduri fl-Italja ladarba daħlu fil-mertu bid-*discovery proceedings,* m'hemmx il-possibilità li jiddaħħal xi ħaddieħor fil-kawża skont l-artikolu 269 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Taljana.

L-avukat Simone Ciccotti jsostni li fil-kawżi fl-Italja u f'Malta, la l-partijiet ma huma l-istess u lanqas il-kawżali u jikkritika l-opinjoni legali tal-konvenuti li jargumentaw li EHealth u Vertical huma l-istess persuna. Apparti minnhekk, qal ukoll li filwaqt li fl-Italja hemm kawża ta' jattanza, f'Malta l-kawża hija għad-danni minħabba ksur ta' klawsoli kuntrattwali li taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin, liema kawża ġiet istitwita wara li saret il-kawża minn Inobis. L-avukat Simone Ciccotti jasal għalhekk għall-konklużjoni li ma hemmx *lis alibi pendens* u ma japplikawx l-Artikoli 29 u 30 tar-Regolament (EU) 1215 tal-2012. L-avukat Ciccotti jikkritika l-opinjonijiet legali ppreżentati mill-konvenuti billi jsostni wkoll li huma bbażati fuq erba' premessi legali skorretti:

a) Li tingħata l-impressjoni żbaljata li l-kawża ta' jattanza tinkludi talba għad-danni li Inobis qiegħda titlob mingħand EHealth, li mhuwiex il-każ. L-avukat Ciccotti jgħid ukoll li anki kieku hemm xi interessi reċiproċi bejn Permira, EHealth u Vertical, dan xorta ma jagħtix lok għal *lis alibi pendens* taħt l-Artikolu 29 tar-Regolamenti imsemmija;

b) Fil-kawża l-Italja, l-Ewwel Konvenuti u t-Tieni Konvenuti qed jitolbu biss il-kjamata ta' EHealth u mhux ta' Inobis. Apparti dan, bħala parti fil-proċeduri fl-Italja hemm ukoll Higea S.p.A., li ma tinkwadrax fil-proċeduri f'Malta u għalhekk il-partijiet fiż-żewġ kawżi żgur li huma differenti;

ċ) Il-Qorti l-Italja diġà bdiet *discovery procedures* li taw bidu għas-smigħ tal-provi fil-mertu, bil-konsegwenza li ma jistax f'dan l-istadju jiddaħħlu partijiet ġodda;

d) l-azzjoni li istitwiet EHealth f'Malta ma tiffurmax u ma tistax tifforma parti mis-sentenza li se tingħata mill-Qorti ta' Milan għax kif ingħad il-kawżali, l-"*causa petendi*" f'dik il-kawża u f'din il-kawża huma totalment differenti.

L-avukat Ciccotti jikkonkludi li m'hemm l-ebda elementi proċedurali taħt il-liġi Taljana li jirrikjedu li l-Qorti f'Malta ma taġġudikax il-kawża li tinsab quddiemha. Għal kuntrarju l-Qorti f'Malta għandha ġurisdizzjoni esklussiva li tisma' l-kawża li ġiet istitwita minn EHealth wara li ġiet kjamata bħala konvenuta f'kawża oħra konnessa u relatata mressqa minn soċjetà attriċi Maltija (Inobis) kontra EHealth Limited.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Fl-ewwel lok l-Artikoli 29 u 30 tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-Ġurisdizzjoni u r-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi fi Kwistjonijiet Ċivili u Kummerċjali jittrattaw mhux biss is-soprasessjoni mandatorja f'każ ta' *lis alibi*

*pendens* iżda anki s-soprasessjoni fakoltattiva fl-eventwalità meta l-azzjonijiet ikunu relatati għalkemm ma jagħtux lok għal *lis pendens.*

L-Artikoli rilevanti tal-imsemmi Regolament jgħidu:

"TAQSIMA 9

**Lis pendens — azzjonijiet relatati**

Artikolu 29:

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 31(2), meta proċedimenti li jinvolvu l-istess kawża ta' azzjoni u bejn l-istess partijiet ikunu miġjuba quddiem qrati ta' Stati Membri differenti, kull qorti apparti l-ewwel qorti li jkollha quddiemha l-każ għandha fuq inizjattiva tagħha stess tissospendi l-proċedimenti ta' quddiemha sa dak iż-żmien li fih tiġi stabbilita l-ġurisdizzjoni tal-ewwel qorti invokata.
2. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, fuq talba ta' qorti li tieħu konjizzjoni tal-kawża, kwalunkwe qorti invokata għandha mingħajr dewmien tinforma lill-ewwel qorti bid-data meta tressqu l-proċedimenti quddiemha skont l-Artikolu 32.
3. Meta tiġi stabbilita l-ġurisdizzjoni tal-ewwel qorti invokata, kull qorti oħra apparti l-ewwel qorti invokata għandha tastjeni mill-ġurisdizzjoni favur dik il-qorti.

Artikolu 30:

1. Meta azzjonijiet relatati jkunu pendenti fi qrati ta' Stati Membri differenti, kwalunkwe qorti apparti l-qorti li tkun l-ewwel invokata għandha tissospendi l-proċedimenti ta' quddiemha.

2. Fejn l-azzjoni tkun pendenti fil-prim'istanza quddiem l-ewwel qorti, kwalunkwe qorti oħra tista' wkoll, fuq talba ta' waħda mill-partijiet, tiċħad il-ġurisdizzjoni jekk il-qorti l-ewwel invokata jkollha ġurisdizzjoni

fuq l-azzjonijiet ikkonċernati u li l-liġi tagħha tippermetti l-konsolidazzjoni tagħhom.

3. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, azzjonijiet huma meqjusa li jkunu relatati meta jkunu konnessi hekk mill-qrib illi jkun aktar konvenjenti illi jinstemgħu u jiġu determinati flimkien sabiex ikun evitat ir-riskju ta' sentenzi irrikonċiljabbli li jirriżultaw minn proċedimenti separati."

Wara li rat id-dokumentazzjoni li ġiet esebita, partikolarment dik li tikkonċerna l-proċeduri quddiem il-Qorti ta' Milan, għalkemm jeżistu indizji ta' rabtiet evidenti bejn is-soċjetajiet Vertical Group Holdings Limited u Ehealth Limited u dan mhux biss għal dak li jirrigwardja r-rappreżentanza u t-tmexxija tagħhom iżda anki minħabba l-fatt li d-drittijiet ta' Vertical Group Holdings Limited naxxenti mil-*Letter of Intent* tal-11 ta' Lulju, 2014 kienu ġew assenjati lill-EHealth Limited, tqis illi xorta waħda ma jeżistux l-elementi ta' *lis alibi pendens* bejn iż-żewġ kawżi. Qabelxejn għandu jiġi premess li din il-Qorti għandha quddiemha biss il-kawża odjerna u m'għandhiex quddiemha wkoll il-kawża istitwita mis-soċjetà Inobis Consultancy Group Limited kontra s-soċjetà Ehealth Limited[23] u ma tistax għalhekk hija u tqis l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti tiegħu konjizzjoni wkoll tal-kawża Rikors Maħluf Nru 230/2017 TA.

Tqis li l-Artikolu 29 tar-Regolamenti 1215 tal-2012 tal-UE jitħaddet esklussivament dwar *lis alibi pendens* u jekk tiġi milqugħha t-talba għas-soprasessjoni, din twassal għall-astensjoni tal-Qorti Maltija mill-ġurisdizzjoni tagħha favur il-Qorti Taljana, jekk il-kawża f'Malta tkun ġiet istitwita wara li tkun ġiet istitwita l-kawża quddiem il-Qorti Taljana. Fil-liġi Maltija l-kunċett ta' *lis alibi pendens* huwa regolat bl-artikolu 792 tal-Kap. 12, fejn il-Qorti tista'

[23] **Inobis Consulting Group Limited *vs.* EHealth Limited** (Rik. Ġur. 230/2017TA).

tibgħat kawża quddiem Qorti oħra lokali jekk titressaq quddiemha kawża wara li tkun tressqet kawża oħra fuq l-istess mertu quddiem Qorti oħra. Iżda *nonostante* d-diċitura tal-liġi, ġie stabbilit mill-ġurisprudenza li għalkemm il-liġi tħalli għażla lill-Qorti jekk tgħaddix jew le t-tieni kawża lill-Qorti li qiegħda tisma' l-ewwel kawża fuq l-istess mertu, tali għażla mhux suppost tissussisti jekk kemm-il darba l-elementi tal-*litis pendentia* jseħħu u jiġu ppruvati wara li tingħata eċċezzjoni bħal dik. Jingħad ukoll li dan huwa, fil-qofol, dak li jagħraf lil din l-eċċezzjoni minn dik li tixxibah magħha tal-konnessjoni ta' kawżi.[24] Fir-Regolament 29 tal-Unjoni Ewropea, din it-tassatività hija stabbilita mil-liġi nnifisha.

Skont l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Crocifissa Sammut *et vs.* Joseph Spiteri**[25], sabiex tirnexxi l-eċċezzjoni ta' *lis alibi pendens*, iridu jikkonkorru neċessarjament l-elementi rekwiżiti segwenti:

1. Li l-kawża trid tkun bejn l-istess partijiet - *eadem personae*;
2. Irid ikun hemm l-istess oġġett - *eadem res*;
3. It-talbiet irid ikollhom l-istess meritu - *eadem causa petendi.*[26]

Fil-kawżi quddiem din il-Qorti u quddiem il-Qorti ta' Milan, mhux talli ma jikkonkorrux l-elementi kollha msemmija, iżda ma jeżisti l-ebda wieħed mill-imsemmija elementi rikjesti. Is-sentenza tal-Qorti ta' Milan ma tista' qatt isservi bħala *res judicata* kontra s-soċjetà attriċi u għaldaqstant is-sentenza tal-Qorti ta' Milan ma tista' qatt tkun irrinkonċiljabbli mas-sentenza tal-Qorti ta' Malta għax ma taffettwax lill-istess partijiet. Għaldaqstant l-ewwel eċċezzjoni

---

[24] P.A., 13.08, 2015.
[25] 10.10.2003.
[26] Ara wkoll **Marsaxlokk Sailing Club Company Limited *vs.* J and H Company Limited,** P.A., 30.06.2004, **Balzan *vs.* Argento *et***, 01.02.1990 (Kollez. Vol. LXXIV, Pt. 3, pġ .429), **Reznikow *et vs.* Kotivov**, 24.03.1994 (Kollez. Vol. LXXVIII, Pt.3, pġ. 170) u **Fenech Oil and Petroleum Company Limited *vs.* MIB Holding Limited,** P.A., 24.02.2017.

preliminari tal-konvenuti kollha qed tiġi respinta stante li ladarba ma jissussistix l-ebda wieħed mir-rekwiżiti ta' *lis alibi pendens,* id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 29 tar-Regolament m'għandhomx jiġu applikati.

Illi inkwantu ta' jekk iż-żewġ kawżi għandhomx jitqiesu li huma relatati jew le, l-Artikolu 30 tar-Regolamenti 1215 tal-2012 tal-UE, fis-sub-paragrafu (3) tiegħu jagħtina d-definizzjoni tal-kliem 'azzjonijiet relatati', u ċjoè meta kawżi jkunu konnessi hekk mill-qrib illi jkun aktar konvenjenti illi jinstemgħu u jiġu determinati flimkien sabiex ikun evitat ir-riskju ta' sentenzi irrikonċiljabbli li jistgħu jirriżultaw minn proċedimenti separati. Fit-tieni eċċezzjoni mhux qed jintalab li jiġi applikat is-subparagrafu (2) ta' dak l-Artikolu, iżda li jkun hemm soprasessjoni sakemm tinqata' l-kawża estera li bdiet qabel il-kawża odjerna f'Malta.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuel Azzopardi *vs.* Sea Malta Company Limited**,[27] intqal illi:

> "fuq kollox, kif ingħad, huwa dejjem mogħti lill-Qorti l-jedd li tissoprasjedi l-kawża jekk tinġabilha raġuni tajba biex tagħmel dan."

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Valfracht Roro Line Limited *vs.* Dr Louis Cassar Pullicino**,[28] intqal ukoll li:

> "l-Qrati jqisu s-soprasessjoni bħala provvediment ordinatorju mħolli fid-dehen tal-Qorti li quddiemha titressaq talba bħal dik.[29] Provvediment bħal dan huwa meqjus bħala wieħed interlokutorju[30] u, għalhekk, ma jorbotx lill-Qorti li tkun tagħtu jekk tqum il-ħtieġa li tibdel il-fehma tagħha aktar 'il quddiem, jekk tintwera raġuni tajba biex tagħmel dan."

[27] P.A.(JRM), 06.06.2006.
[28] P.A. (JRM), 10.04.2003.
[29] Ara, per eżempju, App., 23.06.1869, **German *et vs.* Scicluna *et*** (Kollez. Vol. V. pġ. 157); P.A., 23.01.1946, **Bugeja *vs.* Zammit** (Kollez. Vol. XXXII. Pt.ii, pġ. 197) u App. Kum., 26.03.1984, **Dr. Leslie Grech *noe vs.* Dr. Emanuel Buttigieg *et noe***.
[30] Q.A., 22.05.1989, **Mallia *et vs.* Bezzina *et*** (Kollez. Vol.LXXIII, Pt.ii, pġ. 338).

Illi għalhekk biex tissoprassjedi, il-Qorti m'għandhiex bżonn ta' eċċezzjoni formali li tiġi mogħtija fir-Risposta Maħlufa, għaliex is-soprasessjoni tista' tintalab anke verbalment waqt is-smigħ tal-kawża billi kif ġjà ngħad is-soprassessjoni hija provvediment ordinatorju, digriet interlokutorju, li ma jbiddel xejn mill-kontroversja sottomessa quddiem il-Qorti, la rigward it-talbiet u lanqas dwar l-eċċezzjonijiet.

Illi hemm diversi sitwazzjonijiet li fihom ġie deċiż mill-Qrati tagħna li l-Qorti għandha tilqa' talba għas-soprasessjoni, fosthom meta hu spedjenti li tagħmel hekk[31], u meta jkun hemm lok għas-soluzzjoni ta' xi punt li jiddependi minn kawża oħra[32], li minnu tiddependi neċessarjament il-kontinwazzjoni tal-kawża li tiġi soprasseduta sa din is-soluzzjoni.[33] Tali provvediment ordinatorju huwa rimess għad-diskrezzjoni tal-ġudikant skont iċ-ċirkostanzi speċjali tal-każ.[34]

Illi huwa prinċipju kardinali fil-proċedura ċivili li kawża għandha tinbeda u għandha tinstema' sa ma tinqata'. Il-provvediment ta' soprasessjoni hu miżura eċċezzjonalissima billi twaqqaf l-andament normali ta' kif il-kawżi għandhom jimxu. Is-soprasessjoni hu rimedju straordinarju u għandu jigi applikat biss jekk hu neċessarju fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja.[35] Il-Qorti m'għandhiex tordna s-soprasessjoni jekk il-parti l-oħra tkun ser tbati preġudizzju.

Din il-Qorti f'dan l-istadju ma tarax li teżisti xi neċessità impellenti li minħabba fiha tissoprassjedi fuq din il-kawża sakemm tiġi deċiża il-kawża ta' jattanza u l-kontrotalba li jinsabu pendenti quddiem il-Qorti ta' Milan bejn uħud mill-

[31] **Galea** ***vs.*** **Galea** (Kollez. Vol. 39, Pt.1, pġ. 467), Q.A., 12.03.1973, **Cassar** ***vs.*** **Xuereb**, P.A. u deċiżjoni ta' din l-istess Qorti kif presjeduta, 19.10.2016, fl-ismijiet **Carmelo Stivala Group Ltd** ***vs.*** **Maria Carmela** ***sive*** **Marlene Borg** ***noe et***.
[32] Kollez. Vol. XLVI, Pt.II, pġ. 591.
[33] App. Inf., 10.10.2005, **Francis Xuereb** ***pro et noe. vs.*** **Kontrollur tad-Dwana**.
[34] Kollez. Vol. XXXII, Pt. II, pġ. 197.
[35] Kollez. Vol. XLI., Pt.I, pġ. 507.

partijiet f'din il-kawża. Fil-każ odjern ma jeżistix r-riskju ta' sentenzi irrikonċiljabbli li jirriżultaw minn proċedimenti separati meta l-partijiet fiz-żewġ proċedimenti huma distinti u separati u s-sentenza tal-Qorti ta' Milan ma tistax fiċ-ċirkostanzi attwali tagħmel stat fil-konfront tas-soċjetà attriċi odjerna li mhijiex parti fil-kawża quddiem il-Qorti ta' Milan. Madankollu din il-Qorti ser tkun viġilanti sabiex tiżgura li ma jkunx hemm xi duplikazzjoni ta' danni fuq l-istess mertu favur xi parti jew partijiet. Fi kwalunkwe każ, din il-Qorti tista' dejjem tissoprassjedi aktar 'l quddiem jekk jinbidlu ċ-ċirkostanzi u jkun hekk meħtieġ li jsir.

<u>**Decide**</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti kollha.**

**Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.**

Moqrija.